NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278

**Nru. 403.** **Lulju 2010**

## MANIFESTAZZJONI MARJANA DJOĊESANA F'MARSALFORN

Il-Leġjun ta' Marija t'Għawdex ser jorganizza bħas-snin l-imgħoddija Manifestazzjoni Marjana favur « Ambjent Moralment Nadif » , f'dan ix-xahar ta' Lulju.Din ser tinżamm:

| | |
|---|---|
| **Nhar:** | Il-Ħamis, 29 ta' Lulju 2010 |
| **Post:** | Marsalforn - Għawdex. |
| **Ħin:** | Fis- 7.30p.m. |

Fis-7.30p.m.Fit-Triq ta' Fuq il-Wied qrib il-Parking ta' Marsalforn jibda jingħad ir-Rużarju Meditat bil-kant quddiem l-Istatwa tal-Madonna ta' Fatima . Fit-8.00p.m. imbagħad fl-istess post issir Quddiesa konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex fejn jagħti messaġġ tal-okkażjoni.

Is-saċerdoti kollha huma mistiedna biex jikkonċelebraw. (Iġibu magħhom Alba u stola Bajda).

Nagħmlu appell lir-responsabbli tal-Għaqdiet, Gruppi Ekkleżjali u Movimenti Kattoliċi biex huma flimkien mal-membri tagħhom u l-Għawdxin kollha iħallu din id-data libera u jieħdu sehem f'din il-Manifestazzjoni Pubblika Marjana.

## GĦAL TQARBIN SEWWA

*Il-Ħadd 6 ta' Ġunju, festa tal-Corpus Domini, l-Isqof t'Għawdex, Mons Mario Grech mexxa quddiesa pontifikali fil-Katidral t'Għawdex u fiha għamel l-omelija. XI SILTIET MINN DIN L-OMELIJA:*

"Dan l-aħħar fostna qed jixtered tagħlim li jmur kontra d-duttrina Kattolika dwar l-Ewkaristija. Qed ngħixu fi żmien fejn, għalkemm nidhru li aħna reliġjużi, qed nitilfu s-sens tas-sagru u hekk naslu wkoll biex nabbużaw mill-Ewkaristija.Tgħodd ħafna għalina llum it-twissija li San Pawl għamel lill-Insara ta' Korintu: "Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej… Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess" (1 Korintin 11, 27-29).

Min jemmen fl-Ewkaristija japprezza t-tqarbin possibilment ta' kuljum. Sa minn dejjem il-Knisja għallmet li biex nitqarbnu rridu nkunu mingħajr dnub mejjet. Fi kliem San Pawl: "Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, mbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi". Il-bniedem jista' jaqa` fid-dnub mejjet mhux biss f'attività sesswali barra miż-żwieġ imma wkoll f'għażliet diversi oħra li jagħmel fil-ħajja. Huwa tagħlim kostanti tal-Knisja li min ikun fid-dnub il-mejjet għandu bżonn iqerr qabel jersaq biex jirċievi l-Ewkaristija. Għaliex biex nitqarbu rridu nkunu fil-grazzja t'Alla; u d-dnub il-mejjet iċaħħad dan l-istat tal-grazzja.

Jekk wieħed ikun wettaq għemil li fih innifsu huwa diżordni morali, anke jekk din il-persuna suġġettivament ikollha raġunijiet li jiskużawha jew inaqqsulha l-ħtija, xorta ma tistax tersaq titqarben għax tkun ta' skandlu għall-oħrajn…

AQRA t-test kollu fuq il-Website tal-Curia t'Għawdex. http://gozodiocese.org

# Kalendarju Pastorali
# Lulju – 2010
# Numru 403

| | |
|---|---|
| 1.Ħamis | Il-Beatu Nazju Falzon Kjeriku. Tifkira. |
| 2.Ġimgħa | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar . Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Kors ta' Formazzjoni għall-Pastorali tal-Familja (Mil-5 sas-16 ta' Lulju). |
| 3.Sibt | San Tumas Appostlu. Festa.<br>L-Ewwel Sibt tax-xahar. Tqarbina Riparatriċi.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja ta' Santu Wistin, Vict. bil-Quddiesa Fit-8.30p.m. |
| **4.Ħadd** | **L-Erbatax-il Ħadd tas-sena**. Messalin sena Ċ.<br>Festa taż-żjara tal-Verġni Marija lil Santa Eliżabetta – Parroċċa Għarb. |
| 5.Tnejn | San Anton Marija Żakkarija, Presbiteru. |
| 6.Tlieta | Santa Marija Goretti,verġni u martri - Tifkira.<br>Laqgħa għad-delegati tal-Uffiċċji Pastorali tal-Kurja – Kurja tal-Isqof fid-9.00a.m. |
| 7.Erbgħa | L-għaxar Erbgħa, ta' Santa Marija.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30a.m. |
| 10.Sibt | Kunsill Presbiterali –Ċentru Ragħaj it-Tajjeb – 9.00a.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja Ta' Ħamet li jibda fit-8.30p.m. |
| **11.Ħadd** | **Il-Ħmistax-il Ħadd tas-sena.** Messalin sena Ċ .<br>Festa tal-Madonna tas-Sokkors – Parroċċa Kerċem. |
| 13.Tlieta | Issir It-3 Dehra tal-Madonna ta' Fatima f'Ta' Ħamet fis-7.30p.m . |
| 14.Erbgħa | Il-ħdax-il Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 15.Ħamis | San Bonaventura, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (O) |
| 16.Ġimgħa | Festa Liturġija tal-Madonna tal-Karmnu.<br>It-18 il-dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes.<br>Festa tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet u fix-Xlendi. |
| 17.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| **18.Ħadd** | **Is-Sittax-il Ħadd tas-sena.** Messalin sena Ċ.<br>Festa ta' San Ġorġ – Parroċċa San Ġorġ – Victoria |
| **19-23** | **Laqgħat għall-Katekisti tal-ewwel sena – Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb.** |
| 20.Tlieta | Santa Margerita Verġni u Martri.<br>L-40 anniversarju mill-ħatra tal-Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi. Nitolbu għalih. |
| 21.Erbgħa | San Lawrenz ta' Brindisi presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira.<br>Laqgħa tal-Kummssjoni Djoċesana Familja –Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fis-7.00p.m.<br>It-tnax–il Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 22.Ħamis | Santa Marija Maddalena, dixxipla tal-Mulej Tifkira (0) |
| 23.Ġimgħa | Santa Briġida, Reliġjuża - Patruna tal-Ewropa – Festa. |
| 24.Sibt | Adorazzjoni għall- Persuni Kkonsagrati fil-Knisja ta' San Pawl Marsalforn fis-7.30p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Savina,Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| **25.Ħadd** | **Is-Sbatax-il Ħadd tas-sena.** Messalin, Sena Ċ.<br>Festa ta' Santa Margerita – Parroċċa ta' Sannat.<br>Festa ta' San Ġakbu, fil-Knisja ta' San Ġakbu, Victoria. |
| **26.Tnejn** | San Ġwakkin u Sant'Anna, ġenituri tal-Verġni Marija –Tifkira (0).<br>Festa ta' Sant'Anna fil-Kappella tad-Dwejra f' San Lawrenz. |
| 28.Erbgħa | It-tlettax -il Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 29.Ħamis | Santa Marta Dixxipla tal-Mulej. Tifkira (0).<br>Festa ta' Santa Marta – Knisja tal-Għonq, Victoria.<br>Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn li tibda fis-7.30p.m. b'Ružarju Meditat u fit-8.00p.m.<br>Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex. |
| 30.Ġimgħa | San Pietru Krisologu, isqof u duttur tal-Knisja –Tifkira |
| 31.Sibt. | Tifkira ta' Sant' Injazju ta' Loyola, Fundatur tal-Ġiżwiti.<br>Festa ta' Sant'Injazju fil-Kappella ta' Manresa, Dar tal-Irtiri, Victoria.<br>Tibda l-Kwindiċina ta' Santa Marija<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Sant'Anton Abbati –Xagħra li jibda fit-8.30p.m. |